

# Joseph Abela Scolaro

**Jonathan Borg F.L.C.M., L.Mus., L.C.M.**



Joseph Abela Scolaro twieled fil-Ħamrun fid-9 ta' Frar tal-1910 minn Carmelo u Margerita Camilleri. Din kienet familja mużikali għaliex missieru kien kurunettista prim fit-Teatru Rjal, surmast ma' diversi baned kif ukoll fundatur tal-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp. Żijuh Salvatore , kien surmast tal-banda San Gejtanu tal-Ħamrun, filwaqt li ħuħ il-kbir Luigi kien idoqq il-flawt prim fit-Teatru Rjal ukoll. Joseph beda jitgħallem taħt id-direzzjoni ta' missieru iżda b'xorti ħażina , missieru miet meta Joseph kien għad kellu biss disa' snin . Kompla l-istudju tiegħu fuq il-pjanu għand Mro. Luigi Vella u għand il-pjanista Angelo Abdilla. Beda jitħarreġ fl-armonija mużikali għand Mro. Carlo Diacono u kompla fil-kuntrapunt, storja, strumentali u forma għand Mro. Carmelo Pace. L-istudju wasslu biex kiseb diplomi mil-London College of Music fosthom l-F.L.C.M fl-1950. L-ewwel banda li mexxa kienet il-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp fl-1934. Wara ħa f' idejh il-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun fl-1943 u żamm din il-kariga sal-1972. Mexxa ukoll il-banda Unjoni ta' Ħal-Luqa , Maria Mater Gratie ta' Ħaż-Żabbar u Leone tar-Rabat Għawdex.

Mexxa il-Malta Operatic Choral Society , li wara sar Chorus Melitensis, u għal dan il-kor kiteb il-"Kantata lil San Pawl". Infatti Mro. Abela Scolaro kien l-ewwel direttur ta' dan il-kor u fl-1959 marru ħadu sehem fil-festival ta' Eisteddfod , Wales. Hemmhekk esegwew l-innu "Wasal il-Feddej" b'kompożizzjoni ta' l-istess Abela Scolaro fuq versi ta' Dun Frans Camilleri . Minbarra ma' Dun Frans kiteb ukoll ma' Dun Karm Psaila u Patri Anastasju Cuschieri fost oħrajn. Huwa kkompona diversi innijiet ta' parroċċi mxerrdin ma' Malta u Għawdex . Kiteb il-"Vexilla Regis" kif ukoll Oratorji bħalma huma: "Lil San Gejtanu", "Lil Sant' Andrija" , "Lill-Modonna taċ- Ċintura" u "Lill-Madonna tal-Grazzja". Ma' Dun Frans kiteb ħafna xogħlijiet fosthom: "Innu għaċ- Ċentinarju ta' San Pawl", meta saret kompetizzjoni nazzjonali għall-okkażjoni. Ix-xogħol ta' Abela Scolaro u Dun Frans Camilleri kien rebaħ dan il-konkors. Dawn iż-żewġ esponenti kitbu flimkien xogħlijiet klassiċi bħal: "My Heart Remembers" , "O Madre Pietosa" u "Invito all' Amore". Xogħlijiet oħrajn jinkludu "Imorru l-Imnarja" , "Żgħażagħ fix-xtajta" u "Volli sempre Volli". Mro. Abela Scolaro kiteb overtures bħal: "Racconto Sinfonico", "Slavonia" , "Alcestis" u "Revaerie Tone poem". Minn taħt idejh ħarġu ukoll żewġ operetti: "Cure for Colds" u "Midas".

Bla dubju, bħala surmast tal-banda, Joseph Abela Scolaro ħalla arkivji sħaħ ta'marċi brijużi u funebri. Huwa kiteb ukoll sitt quddisiet sħaħ u responsorji kif ukoll xi "Improrei" għall-Ġimgħa l-Kbira. Fl-1960 , il-Gvern ħatar lis-Surmast Abela Scolaro bħala organizzatur tal-Mużika għall-iskejjel statali. Kien imfittex ħafna biex jgħallem il-Mużika u minn taħt idejh ħarġu ħafna surmastrijiet. Tant kien ikun irid interess mill-istudenti tiegħu li kien ħeġġeġ lill-kumitat tal-Banda San Gejtanu biex jikru palkett fir-Radio City fejn kienu jittellgħu l-opri u jibdew jibgħatu l-allievi tagħhom hemm isegwu l-opri biex aktar jikbru fl-imħabba Mużikali.

Joseph Abela Scolaro kien miżżewweġ lil Margaret, imwielda Cilia, mill-Belt u kellhom żewġ ulied, Lino u Anna. Miet fis-27 t'April tal-1979. Minnbarra l-ħafna xogħlijiet li ħalla fl-arkivju ta' Soċjetajiet Mużikali, hemm ukoll ħafna manuskritti tiegħu miżmuma fil- Mużew tal-Katidral tal-Imdina. Fil- Ħamrun, kif jixraq, issemmiet triq għalih.